

# AKATHISTOS

## Innu lill-Omm Qaddisa ta’ Alla

# AKATHISTOS

## Innu Liturġiku tal-Knisja tal-Lvant
## lill-Omm Qaddisa ta' Alla

***miġjub għall-Malti***
***mill-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi***
***fl-1981***

***b'mużika oriġinali***
***ta' Dr John Galea***
***fl-2019***

***b'noti ta' Dun Gerard Buhagiar,***
***Rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu***

***f'għeluq is-Sena Djoċesana Marjana***
***2018-2019***

***Fil-qoxra:***
*Dettall tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu,*
*xogħol Amadeo Perugino fl-1619*

Ta' Pinu Publications
Malta 2019

## Daħla

L-innu *Akathistos* li llum qed inwasslulkom inġab għall-Malti mill-qatt minsi l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, ftit xhur qabel ma daħal fid-Dar tal-Missier nhar il-15 ta’ Novembru 2010. Kien talabni nikteb id-daħla għal din it-traduzzjoni tiegħu u fuq kollox nagħti xi informazzjoni dwar dan l-innu Marjan sabiex ikun magħruf mill-Insara ta’ pajjiżna.

Fil-fatt, dan l-innu huwa għanja mill-isbaħ dwar il-misteru tal-Verġni Marija fil-misteru ta’ Kristu u tal-Knisja, sewwasew kif jikteb il-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika tiegħu *Redemptoris Mater*, numru 31: “Il-Missirijiet Griegi u t-tradizzjoni Biżantina, huma u jikkontemplaw lill-Verġni Marija fid-dawl tal-Verb magħmul bniedem, fittxew li jidħlu fil-fond ta’ dik ir-rabta li tgħaqqad lil Marija, bħala Omm Alla, ma’ Kristu u l-Knisja: il-Verġni Marija hi dejjem preżenti fil-verità kollha tal-misteru tas-salvazzjoni”.

Dan l-innu liturġiku tal-Knisja Griega jintuża mill-Knejjes Biżantini Kattoliċi u Ortodossi, iżda la l-awtur tiegħu u lanqas l-isem oriġinali ma huma magħrufa. Jissejjaħ *Akathistos* għaliex kull meta jitkanta jew jingħad, il-poplu jqum bilwieqfa bħal meta naqraw il-Vanġelu, u dan isir b’sens ta’ qima lejn it-Theotokos, l-Omm ta’ Alla. Aktarx li l-innu ġie miktub bejn l-aħħar nofs tas-seklu ħamsa u l-bidu tas-seklu sitta, u għalkemm issemmew diversi ismijiet bħala l-awturi ta’ dan l-innu, illum ħafna mill-istudjużi jżommu li l-awtur ta’ dan l-innu huwa Bażilju ta’ Selewċja, teologu u kittieb kbir u wieħed mill-Missirijiet influwenti fil-Konċilju ta’ Kalċedonja (451).

L-innu jitkanta fis-Sibtijiet tar-Randan, iżda jitkanta b’mod solenni b’salmi u talb fil-ħames Sibt tar-Randan, Sibt li huwa msejjaħ *is-Sibt tal-Akathistos*. Barra dan, dan l-innu ta’ tifħir lill-Verġni Marija spiss kien jitkanta wkoll kull meta l-belt ta’ Kostantinopli kienet tkun meħlusa minn xi invażjoni jew assedju tal-għedewwa bl-interċessjoni tal-Omm Qaddisa ta’ Alla.

Illum dan l-innu huwa tradott f’ħafna ilsna mad-dinja kollha u qed jgħaqqad flimkien il-Knejjes tal-Lvant u tal-Punent. Kien fl-1981 li ntuża fiċ-ċelebrazzjoni tal-1550 anniversarju tal-Konċilju ta’ Efesu li saret fil-Bażilika ta’ Santa Maria Maggiore fuq xewqa tal-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, ċelebrazzjoni li għaliha kienu preżenti delegazzjonijiet tal-Knejjes Ortodossi u Protestanti. Ta’ min ifakkar li Ġwanni Pawlu II kien ta lil dawk kollha li jkantaw jew jitolbu dan l-innu l-istess indulġenzi li għandha t-talba tar-Rużarju mqaddes għall-Knisja tal-Punent (ara *Manwal tal-Indulġenzi*, 4 ed., Librerija Editriċi Vatikana 2003, n. 23).

Illum, fl-għeluq tas-Sena Djoċesana Marjana mnedija mill-Isqof Mario Grech biex tfakkar l-erba’ mitt sena mill-Kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta’ Pinu, qed nippreżentaw dan l-innu lill-Insara tal-gżejjer Maltin fil-lingwa tagħna u b’mużika oriġinali ta’ John Galea, għaliex nemmnu li “dan l-għana kollu ta’ tifħir, li nbena mill-ħafna suriet tat-tradizzjoni kbira tal-Knisja, jista’ jgħinna biex inħaffu l-jum li fih *il-Knisja tista’ tibda mill-ġdid tieħu nifs sħiħ miż-‘żewġ pulmuni’ tagħha*, il-Lvant u l-Punent. Kif għidt ta’ spiss, dan hu meħtieġ wisq aktar illum. Ikun ta’ għajnuna effettiva biex jiġi aktar ’il quddiem id-djalogu li ġa qed iseħħ bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes u l-Komunitajiet ekkleżjali tal-Punent. Ikun ukoll mezz biex il-Knisja fil-mixi tagħha tkanta u tgħix aktar perfett il-Magnificat tagħha” (RM, 34).

Dun Gerard Buhagiar
Rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta’ Pinu

# L-INNU “AKATHISTOS”

**Dedika**
Lilek, Mexxejja li twassal għar-rebħa,
kantiku tar-rebħa jistħoqq.
Jien, il-Belt tiegħek, mit-tiġrib meħlusa,
l-Innu noffrilek ta’ radd il-ħajr,
lilek, Omm Alla.

Bis-setgħa li għandek
li tfeġġ dejjem rebbieħa,
minn kull ħsara eħlisni,
sabiex ngħannilek:

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

*Parti narrattiva*

1 Tas-sbieħ anġli mill-qtajjiet
sabiex “Ifraħ” jgħid ’l Omm Alla,
intbagħat l-aqwa mis-Smewwiet.
L-anġlu rak fi ħdan Marija
tibda l-ħajja tal-bnedmin, Mulejja,
kollu mfawwar bit-thennija,
weġġaħ ’l Ommok b’dat-tifħir:

Ifraħ, għax bik jerġa’ jfeġġ il-ferħ.
Ifraħ, għax bik tispiċċa t-tbatija.

Ifraħ, int salvajt ’l Adam li ġġarraf.
Ifraħ, int il-biki t’Eva fdejt.

Ifraħ, int quċċata għolja
għal moħħ il-bniedem.
Ifraħ, int irdum
għal għajnejn l-anġli.

Ifraħ, fik ġie mwaqqaf
tron is-Sultan.
Ifraħ, int iġġorr fik
lil Dak li kollox jerfa’.

Ifraħ, int Kewkba
li tilma qabel ix-xemx.
Ifraħ, int il-Ħdan
li fih Alla ħa l-ġisem.

Ifraħ, int bik jiġġedded il-ħolqien.
Ifraħ, int fik il-Ħallieq sar tarbija.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

2 Biex Marija tgħix għalih,
’l Alla kienet tat xbubitha;
qalet ’l-anġlu minnufih:
“Sabiex nifhmu nħossu tqil
il-messaġġ li ġibt, għalija misteru;
fil-ġuf verġni jsir tnissil,
dan ħabbartli”; u tlissen:

**Hallelujah!**

3 B’xewqa kbira l-Verġni mtliet
li l-misteru aħjar tifhem,
u lill-anġlu dlonk staqsiet:
“Jista’ qatt ta’ xebba l-ħdan
ħajja jnissel ta’ tarbija? Dawwalni”.
Wieġeb l-anġlu wisq ħerqan,
b’dit-tislima hekk sabiħa:

Ifraħ, int tmexxina biex nagħrfu l-pjan tal-Mulej.
Ifraħ, int tagħtina ħjiel tal-misteru moħbi.

Ifraħ, int l-ewwel prodiġju ta’ Kristu.
Ifraħ, int ġabra tal-veritajiet tiegħu.

Ifraħ, sellum tas-Sema
   li minnu niżel l-Etern Alla.
Ifraħ, pont li minn fuqu
   l-bnedmin jgħaddu għall-Ġenna.

Ifraħ, miraklu mfaħħar
   b’kant l-anġli tas-Smewwiet.
Ifraħ, flaġell
   li jsawwat tax-xjaten il-qtajjiet.

Ifraħ, int tajtna d-Dawl li ħadd ma jista’ jfisser.
Ifraħ, int ma wrejt lil ħadd il-mod kif twettaq il-misteru.

Ifraħ, int li tiżboq ix-xjenza tal-għorrief.
Ifraħ, int li tiddi fil-qlub tal-fidili.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

4 Min b’setgħatu d-dinja jżomm
dellu tefa’ fuq ix-xbejba,
u bla żwieġ din saret omm.
Kif b’miraklu mtela l-ġuf,
sar bħal ġnien li fih kull benna;
sabiex min
għall-ħtijiet kien mitluf
isib hemm il-ħelsien tiegħu.
Għajjat u lissen:

**Hallelujah!**

5 Telqet b’għaġla biex iżżur
lil qaribtha Eliżabetta,
magħha kellha lis-Sinjur.
It-tarbija fi ħdan l-omm
kliem il-Verġni semgħet jidwi, kollu ħlewwa,
bil-ferħ tqanqlet, mhux bil-fomm,
lil Marija għannitilha:

Ifraħ, rimja ta’ siġra qaddisa.
Ifraħ, mimlija bi frott bnin.

Ifraħ, int rabbejt il-Bidwi divin.
Ifraħ, int għajjixt lill-Awtur tal-ħajja.

Ifraħ, int għalqa għammiela
ta’ grazzji kotrana.
Ifraħ, int mejda li fuqha jitqiegħdu
l-isbaħ għotjiet.

Ifraħ, int ħejjejt għalina
mergħat ta’ benna.
Ifraħ, int waqqaft għall-Insara,
kenn bla dewmien.

Ifraħ, int inċens ifuħ, imsieħeb mat-talb.
Ifraħ, int il-maħfra mixtieqa għad-dinja kollha.

Ifraħ, int ħniena tal-Mulej lejn il-bniedem.
Ifraħ, int tama tal-bniedem fil-Mulej.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

6 Ħakem f’qalb Ġużeppi l-hemm.
Nissel ħdanek, x’biċċa kienet?
B’wiċċ il-ġid, xtaq li tintemm.
Ċert li lilu qatt ma bdilt,
emmen sħiħ li kont bla ħtija, kollok safja.
Xħin li bl-Ispirtu kont nissilt
mgħarraf lilu ġie, dlonk għajjat:

**Hallelujah!**

7 Ferħu r-ragħajja bil-għanjiet
li kantaw b’leħinhom ħelu
l-anġli mbierka fit-twelid ta’ Kristu.
Malli raw tagħhom ir-Ragħaj,
bħal ħaruf għadu jitwieled,
innoċenti,
ħalib ommu jżommu ħaj,
lilu faħħru għalenija:

Ifraħ, Omm tal-Ħaruf-Ragħaj.
Ifraħ, kenn tal-merħla fidila.

Ifraħ, int tħarisna mill-bhejjem qalila.
Ifraħ, int tiftħilna tas-Sema l-bibien.

Ifraħ, bik flimkien mal-art jifirħu s-Smewwiet.
Ifraħ, bik flimkien mas-Smewwiet tithenna l-art.

Ifraħ, int il-leħen dejjem jidwi tal-Appostli.
Ifraħ, int il-qlubija qatt mirbuħa tal-martri.

Ifraħ, sur qawwi tal-fidi.
Ifraħ, stendard jiddi tal-grazzja.

Ifraħ, bik ġie mneżża' minn setgħatu l-infern.
Ifraħ, bik ġejna mlibbsa bil-glorja.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

8 B'dawl il-kewkba ferm thennew
il-għorrief, fl-imwiegħed ftakru,
li twassalhom ħdejh stennew.
Bid-dawl tagħha kull tfixkil
rebħu l-Maġi, sakemm sabu l-Mulej,
li quddiemu kull ras tmil,
u bil-qalb il-ħajr raddewlu:

**Hallelujah!**

9 Stagħġbu l-Maġi bil-Bambin,
tfajjel żgħir, fuq dirgħajn Ommu,
dak li ħalaq il-bniedem.
Taħt is-sura ta' qaddej
għarfu s-Sid tal-ħolqien kollu;
u bil-ħerqa
taw għotjiethom lill-Mulej,
u lill-Omm hienja ferħulha:

Ifraħ, ja Omm tal-kewkba ta' dejjem.
Ifraħ, żerniq ta' jum misterjuż.

Ifraħ, int iġġib fix-xejn il-bejtiet tal-qerq.
Ifraħ, int b'dawlek twassalna għand Alla veru.

Ifraħ, int ġarraft mit-tron lit-tirann kiefer.
Ifraħ, int tajtna lil Kristu l-Mulej twajjeb.

Ifraħ, int li ħlistna mill-jasar ritwali.
Ifraħ, int li ħriġtna mit-tajn tal-ħtija.

Ifraħ, int li teqred l-Idolatrija.
Ifraħ, int titfi l-fjammi tal-vizzji.

Ifraħ, int li tmexxi fil-għerf lill-Insara.
Ifraħ, int hena tal-ġnus kollha.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

10 Meta nġabru lejn id-dar
ma' kullimkien stqarrew il-Maġi
l-miraklu li kien sar.
Ma setgħux ma jitkellmux
bħal profeti dwar twelidek,
o Kristu!
Lil Erodi ma sellmux,
li fi bluhatu qatt ma seta' jkanta:

**Hallelujah!**

11 Kif iħarrab iż-żerniq
dlam il-lejl, dab il-qerq meta
tal-Eġittu qbadt it-triq.
L-allat foloz imġarrfin
minn setgħetek, ja Mulejja,
fl-art waqgħu.
Minn dnubiethom meħlusin,
il-ġnus sellmu lil Omm Alla:

Ifraħ, qawmien ta' ġens il-bniedem.
Ifraħ, telfien tas-saltna infernali.

Ifraħ, inti tisħaq l-ingann u l-gideb.
Ifraħ, inti tikxef il-qerq tal-idoli.

Ifraħ, int il-baħar li bela' l-Fargħun kburi.
Ifraħ, int il-blata li ssawwab l-ilmijiet tal-ħajja.

Ifraħ, kolonna tan-nar li turi fid-dlam.
Ifraħ, mant tad-dinja, iktar wiesa' minn sħaba.

Ifraħ, inti li tajtna l-manna tas-Sema.
Ifraħ, int li tfawwarna b'ferħ qaddis.

Ifraħ, Art Imwiegħda misterjuża.
Ifraħ, għajn li tnixxi ħalib u għasel.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

12 Kienet qorbot lejn it-tmiem
tal-profeta Xmuni l-ħajja;
Ruħ il-Qodos ħa b'għalliem.
Hekk kif refgħek fuq dirgħajh,

għad li rak tarbija żgħira,
Sid il-ħolqien,
Alla stqarrek, mhux minn rajh;
l-Għerf etern faħħar minn qalbu:

**Hallelujah!**

13 Bħal missier, ħenn għall-ulied,
Alla fostna deher u ġedded
tan-natura l-liġijiet.
Għad li tnissel Kristu fih,
baqa' safi, bla mittiefes
ħdan il-Verġni.
Għaġeb kbir, niskantaw bih,
u lix-Xbejba mqaddsa ngħannu:

Ifraħ, fjur ta' ħajja safja.
Ifraħ, kuruna ta' mġiba kasta.

Ifraħ, int tagħtina ħjiel tal-ġejjieni tagħna.
Ifraħ, inti mera tal-ħajja tal-anġli.

Ifraħ, xitla għammiela li trejjaq l-Insara.
Ifraħ, siġra li f'dellek kulħadd jistkenn.

Ifraħ, ġibt fi ħdanek lil dak li jfittex il-mitlufin.
Ifraħ, tajt għad-dawl tad-dinja 'l dak li jeħles l-imjassrin.

Ifraħ, inti talba għall-mogħdrija lill-Imħallef tal-ħaqq.
Ifraħ, inti maħfra għall-ħatjin kollha.

Ifraħ, inti libsa għal min kien imneżża' mill-grazzja.
Ifraħ, inti mħabba li tiżboq kull xewqa.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

14 Meta nfakkru dat-Twelid,
lejn is-Sema nerfgħu ħsiebna
u tal-art jinħall l-irbit.
Ġo suritna l-imsejknin
ried jinħeba meta twieled
l-Iben t'Alla;
biex għall-glorja tas-Smewwiet jgħolli
lil dawk li jgħannulu:

**Hallelujah!**

15 Fuq il-kwiekeb kollha għassies,
xejn ma nbidel biex sar bniedem,
il-Verb t'Alla hu bla qies.
Hu ma telaq minn imkien,
iżda ċċekken u sar bħalna,

meta twieled minn Verġni,
Omm li lkoll ifaħħru:

Ifraħ, għamara t'Alla Infinit.
Ifraħ, bieb tal-misteru l-kbir.

Ifraħ, inti taqleb tal-qarrejja t-tagħlim.
Ifraħ, bik jiftaħru bil-jedd kollu t-twajbin.

Ifraħ, tron aktar qaddis minn dak tal-Kerubini.
Ifraħ, siġġu aktar meqjum minn dak tas-Serafini.

Ifraħ, fik jintisġu flimkien dinjitajiet diversi.
Ifraħ, int fl-istess waqt Verġni u Omm.

Ifraħ, bik inħafret il-ħtija.
Ifraħ, bik infetħu bwieb is-Smewwiet.

Ifraħ, muftieħ tas-Saltna ta' Kristu.
Ifraħ, tama tat-teżori ta' dejjem.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

16 B'dal-miraklu dlonk skantaw
hemm fis-Sema l-anġli mbierka
meta l-Verb Inkarnat raw.
Dak li lejh ma resaq ħadd,
għandna ġie u għammar fostna,
Bin il-bniedem.
Lilna żgur ma jitlaq qatt.
B'leħen wieħed insellmulu:

**Hallelujah!**

17 Il-kbar nett fost il-għorrief
il-misteru tal-Omm t'Alla
biex ifissru mhumiex ħfief.
Ħadd ma jifhem b'liema mod
int sirt Omm għad li bqajt xebba,
Verġni Mbierka.
Fit-twemmin inżommu sod;
dal-miraklu kbir b'fidi nistqarru:

Ifraħ, santwarju tal-Għerf etern.
Ifraħ, teżor tal-Providenza tiegħu.

Ifraħ, quddiemek jitbaxxew l-għorrief.
Ifraħ, qdusitek jgħarblu fis-skiet l-oraturi.

Ifraħ, bik jistagħġbu d-dutturi għaqlin.
Ifraħ, quddiem il-kobor tiegħek itemtmu l-kittieba tal-ġrajjiet.

Ifraħ, int teqred in-nases kollha tal-qerq.
Ifraħ, inti timla x-xbieki tas-sajjieda kollha.

Ifraħ, inti terfagħna mill-bir tal-injoranza.
Ifraħ, inti għal kulħadd lanterna ta' xjenza.

Ifraħ, dgħajsa għal min irid isalva.
Ifraħ, port għal min ifittex il-Ħajja.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

18 Hekk min rajh, Sid il-ħolqien
ġie fid-dinja, biex il-bniedem
tar-ruħ jikseb il-ħelsien.
Kien għalina Ragħaj u Sid,
biex jiġbidna lejh deher fostna,
bħal ħaruf:
bl-umanità tiegħu jiġbed il-bniedem
u bħala Alla lilu nqimu u nsejħu:

**Hallelujah!**

19 Int ħarsien żgur tax-xbejbiet,
Verġni u Omm, u ta' dawk kollha
li jsejħulek bħala wlied.
Għax hekk għamlek is-Sultan,
tal-art u s-Sema,
Immakulata,
meta ġie f'tiegħek il-ħdan
u stedinna biex ngħannulek:

Ifraħ, kolonna ta' safa qaddis.
Ifraħ, bieb il-ħelsien ta' dejjem.

Ifraħ, bidu ta' ġens ġdid.
Ifraħ, int tqassmilna tal-Mulej il-ġid.

Ifraħ, raddejt il-ħajja lil dawk li twieldu fil-għajb.
Ifraħ, tajt il-għaqal lil dawk li kienu neqsin minnu.

Ifraħ, inti xejjint l-Ingannatur qalil.
Ifraħ, inti tajtna l-Awtur tas-safjin.

Ifraħ, ħdan li fih seħħ it-Tieġ divin.
Ifraħ, int twassalna biex ningħaqdu mal-Mulej.

Ifraħ, inti trawwam il-verġni twajbin.
Ifraħ, inti tlaqqagħhom mal-Għarus.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

20 Iżda m'hemm ebda tifħir

li biżżejjed biex ilaħħaq
mas-sebħ tiegħek bil-wisq kbir.
Tal-ħajr tagħna kieku l-għadd
kellu jkun daqs frak ir-ramel,
ja Mulejja,
ma jwassalx biex inpattulek
għal dak kollu li inti tajtna
lilna li ngħannulek:

**Hallelujah!**

21 Bħala torċa tħeġġeġ nirien,
hekk il-Verġni Mqaddsa dehret
lil min kien fid-dlam tat-telfien.
Dawl mis-Sema rat kull ruħ
li jmexxiha sa ħdejn Alla,
Għerf infinit;
bid-dija tagħha mdawlin ġew l-imħuħ,
inħallew l-ilsna biex jgħannu:

Ifraħ, raġġ tax-Xemx divina.
Ifraħ, dawl jiddi li qatt ma jintemm.

Ifraħ, int bħal berqa ddawwal l-imħuħ.
Ifraħ, int bħal ragħda tbeżża' l-għedewwa.

Ifraħ, int għalina bidu tal-misteri qaddisa.
Ifraħ, inti nixxiegħa ta' ilma bnin.

Ifraħ, int bħal menqgħa li fiha nindafu,
Ifraħ, int tneħħi t-tebgħat ta' dnubietna.

Ifraħ, għajn li ssaffi l-erwieħ.
Ifraħ, kalċi mfawwar bi nbid il-ferħ.

Ifraħ, fwieħa tal-balzmu ta' Kristu.
Ifraħ, ħajja tal-Ikla mqaddsa.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

22 Biex kull dnub ikun maħfur,
ġie fid-dinja b'ġisem bħalna
tal-bniedem ir-Redentur.
Tagħna l-faqar ma qies xejn,
midinbin li tlifna kull grazzja;
u għalhekk qatta' kull dejn li kellna,
u b'qima nsellmulu:

**Hallelujah!**

23 Tal-ħolqien jidwu l-għanjiet
aħna u nfaħħru lill-frott ta' ħdanek,

lilek, tempju ħaj, ja Sultana!
Lil ħdanek għażel bħala għamartu
Dak li jżomm kollox fih,
qaddsek u mliek b'kull ġieħ
u għallimna nfaħħruk:

Ifraħ, tinda tal-Verb t'Alla.
Ifraħ, int eqdes mis-Santwarju tat-Tempju.

Ifraħ, arka li l-Ispirtu kesa bid-deheb.
Ifraħ, teżor ta' Ħajja li qatt ma tintemm.

Ifraħ, dijadema prezzjuża tal-mexxejja twajba.
Ifraħ, glorja tas-saċerdoti twajbin.

Ifraħ, int torri tas-samm għall-Knisja.
Ifraħ, int sur qawwi għal artna.

Ifraħ, bik jitgħollew l-istendardi tar-rebħa.
Ifraħ, bik jiġġarrfu l-għedewwa ta' ruħna.

Ifraħ, inti duwa għall-ġisem muġugħ.
Ifraħ, inti ħelsien tar-ruħ tiegħi.

**Ifraħ, Verġni u Għarusa!**

24 Int jistħoqqlok kull tifħir,
Omm il-Verb, għajn il-qdusija,
li nqimuk hu tagħna d-dmir.
'Il bogħod minna żomm kull hemm,
mill-kastigi wkoll eħlisna,
ja Ħanina!
Tul ħajjitna inti eħlisna,
ħenn għalina waqt li nsejħulek:

**Hallelujah!**

## Noti dwar l-Innu "Akathistos"

### Il-binja tal-innu

L-innu huwa maqsum f'żewġ partijiet, l-ewwel parti msejħa *Parti Biblika – Liturġika*, waqt li t-tieni hija msejħa *Parti Dommatika*. L-alfabett Grieg fih 24 ittra u minħabba f'hekk l-innu hu mibni fuq 24 strofa, waqt li kull taqsima hija magħmula minn 12-il strofa f'6 sezzjonijiet. L-istrofi dispari huma dejjem mibnija bi 12-il tislima lill-Verġni Marija u jagħlqu bil-kliem *"Ifraħ, Verġni u Għarusa"*, waqt li l-istrofi l-oħra jagħlqu dejjem bil-kelma *"Hallelujah"*, li tfisser "Tifħir lilek, o Alla; tifħir lilek, Kristu".

Fl-ewwel taqsima, dik narrattiva, għandna r-rakkonti bibliċi marbutin mal-misteru tal-Inkarnazzjoni; ibda mit-Tħabbira tal-Anġlu Gabrijel, id-djalogu bejn Marija u l-anġlu, l-inżul tal-Ispirtu fuq Marija li bid-dell tiegħu jitnissel f'ġufha l-Verb ta' Alla, iż-żjara lil Eliżabetta, il-persuna ta' Ġużeppi quddiem dan il-misteru, it-twelid ta' Ġesù Kristu flimkien mal-miġja tar-ragħajja u l-Maġi, il-ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu, u l-laqgħa ma' Xmun fit-Tempju. Interessanti li l-persuni msemmija f'dawn l-ewwel tnax-il strofa kollha jaslu biex ikantaw l-Hallelujah, għaliex kollha jilqgħu l-messaġġ divin. Persuna waħda biss mhix kapaċi tlissen u tkanta l-Hallelujah, u dan ma hu ħadd għajr Erodi, li mimli bih innifsu u mitluf fi bluhatu, ma jasalx biex jintebaħ bl-opra ta' Alla u għalhekk qatt ma jista' jlissen it-tifħir lil Alla!

Fit-tieni taqsima, li bħall-ewwel waħda hija mibnija minn 12-il strofa, naraw fiex tikkonsisti l-fidi tal-Knisja. Għalhekk għandna l-fidi murija fit-tnissil tal-Verb minn Verġni, fejn għalina nfetaħ bieb is-Sema, il-maternità divina fejn Marija tiġi ppreżentata bħala t-tron ta' Alla, l-istagħġib tal-anġli quddiem il-misteru tal-Inkarnazzjoni, misteru li jħawwad lill-għorrief u jkisser kull ereżija, u Marija bħala mudell u bidu tal-Knisja, u għalhekk l-innu jitkellem ukoll fuq il-maternità spiritwali ta' Marija f'rabta mal-maternità tal-Knisja. Marija mhux biss hija xbieha tal-Knisja, iżda wkoll Omm il-Knisja, għaliex permezz tagħha ġie fostna l-Feddej biex jimliena bil-grazzja. Fl-aħħar nett Marija hija t-Tempju ta' Alla, it-tama u l-avukata ta' dawk kollha li jemmnu.

L-*Akathistos* huwa innu liturġiku, u kif ġa semmejna fid-daħla, fost iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Knisja Biżantina nsibu s-Sibt tal-Akathistos, u dan jidher ukoll fl-arti li biha huma miksija l-ħitan tal-knejjes. L-arti liturġika tpitter fuq il-ħitan tal-knisja dak li l-poplu jiċċelebra u jgħix fil-liturġija tiegħu. Fil-fatt, ħafna huma dawk il-monasteri u knejjes Biżantini li fuq il-ħitan tagħhom insibu mpittra xeni mibnija fuq l-24 strofa tal-*Akathistos*. Dan biex kull min jidħol fil-knisja jiftakar li hija l-azzjoni liturġika li tgħinu jgħix mill-ġdid il-misteru tas-salvazzjoni u li permezz tagħha l-Liturġija twasslilna l-grazzji u l-barkiet ta' Alla tul il-mixja tagħna lejn is-Sema.

### Il-valur teoloġiku

Dan l-innu huwa mimli tagħlim dwar Alla, innu li jgħin lin-Nisrani jikkontempla l-persuna tal-Verġni Marija fl-pjan salvifiku ta' Alla, ibda mill-ħolqien sat-twettiq tas-salvazzjoni. Hawn tidher l-għaqda sħiħa ta' Marija ma' Kristu u mal-Knisja, fejn Marija hija ppreżentata partikolarment bħala l-Omm tal-Verb Inkarnat u l-Għarusa Immakulata tal-Għarus Divin. It-tifħir lill-Verġni Marija jwassal għall-glorifikazzjoni divina. Hawn l-innu huwa mibni fuq il-metodoloġija liturġika Orjentali, fejn il-kontenut, l-espressjonijiet, is-simboli u xbihat tal-ħolqien użati, flimkien mal-figuri bibliċi, l-aktar dawk li niltaqgħu magħhom fit-Testment il-Qadim, kollha kemm huma jwasslu lejn il-Ħallieq u hekk iħejju t-triq tas-Salvatur imwiegħed. Fuq kollox, nistgħu ngħidu li dan l-innu huwa stqarrija ta' fidi, li tiġi ċċelebrata fil-liturġija tal-Milied u li ssib il-qofol tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għid il-Kbir.

### It-tqassim tal-innu

Ir-rabta biblika li nsibu f'dan l-innu tidher ukoll fit-taqsim tan-numri li bihom l-awtur jibni l-innu. Għandna żewġ taqsimiet bi tnax-il strofa kull waħda. Mela n-numru tnejn qed ifakkarna fi Kristu li

għandu żewġ naturi, dik divina u dik umana, u li dan il-misteru seħħ fil-ġuf verġni tax-Xebba ta' Nazaret. Hekk in-numru tnax ifakkarna f'Ġerusalemm tas-Sema u fil-Knisja, li tagħha l-Verġni Marija hija xbieha ħajja. Il-Knisja hi mibnija fuq it-tnax-il Appostlu, tnax-il pilastru ta' Ġerusalemm tas-Sema. U hawn mela għandna riferenza għad-dehra tal-mara li titqabad mad-dragun fil-kapitlu 12 tal-Apokalissi. F'din id-dehra l-Missirijiet tal-Knisja flimkien mal-istudjużi dejjem raw rabta bejn il-Knisja u l-Verġni Marija li madwar rasha hemm tnax-il kewkba. Issa jekk nimmultiplikaw it-tnax-il tislima li nsibu fit-tnax-il strofa, naslu għan-numru 144,000 li huwa wkoll figura tal-verġni li jinsabu miexja wara l-Ħaruf Divin (Apok 14:4) jew il-144,000 li ġew mifdija u ssiġillati bid-demm tal-Ħaruf (Apok 7:4). Fi ftit kliem, dan huwa l-innu ta' dawk kollha li ġew mifdija u li jinsabu maġenb il-Ħaruf ikantaw it-tifħir tiegħu: l-Hallelujah. Huwa wkoll l-innu ta' dawk kollha li bħalna għadhom miexja fit-taqbida tal-fidi fil-mixja tagħhom lejn is-Sema, l-innu ta' dawk kollha li meta jitfgħu ħarsithom fuq il-Verġni Marija, jimtlew huma wkoll bil-ferħ għaliex f'Marija jaraw dak kollu li Alla lestha għalihom. Huwa l-bniedem tal-fidi li jasal biex jimmedita l-misteru tal-Inkarnazzjoni u hekk ikun kapaċi li mal-Knisja kollha jkanta l-Hallelujah u jimtela bil-ferħ! Hekk il-Knisja, meta tħares lejn il-Verġni Omm, tilmaħ fiha dak kollu li hija tixtieq tkun u dak kollu li għad iseħħ meta dawk kollha li jemmnu għad jinġabru f'Ġerusalemm tas-Sema, fid-Dar tal-Missier.

F'dan l-innu n-Nisrani li jfaħħar lil Marija bl-istess kliem tal-anġlu Gabrijel: *Ifraħ*, bil-Grieg *Khaire* (Lq 1:28), jintebaħ li huwa wkoll bħal Marija għandu jifraħ għaliex il-Mulej Alla qed ilibbsu kontinwament bil-grazzja ta' Ibnu l-għażiż li għalih inkarna u sar bniedem bħalna fil-ġuf ta' Marija. Għalih l-Iben ta' Alla miet u qam mill-mewt, biex issa fi Kristu kull bniedem isib il-fidwa u l-ħajja ta' dejjem. Marija tgħinna naqraw l-istorja tas-salvazzjoni tagħna u magħha nifirħu għaliex Alla huwa s-Salvatur tagħna, fuqna xeħet ħarstu, u ħnientu ser tinfirex f'kull żmien, għaliex magħna għamel ħwejjeġ kbar. Waqt li aħna nistiednu lil Marija biex tifraħ, fl-istess ħin Marija tistieden lilna nifirħu. Dan għaliex Alla għadu jaħdem biex isalvana u jlibbisna bil-grazzja tiegħu. Il-bniedem, għalkemm tkisser minħabba d-dnub, fi Kristu u permezz tas-Sagramenti tal-Knisja jilbes il-bniedem il-ġdid, u ta' dan kollu għandu jimtela bil-ferħ u jkanta l-Hallelujah!

**Is-suġġett ta' kull strofa**

Dedika

*L-Ewwel Taqsima: Parti Narrattiva – Biblika – Liturġika*

Strofa 1 It-tħabbira tal-anġlu Gabrijel
Strofa 2 Id-djalogu ta' Marija ma' Gabrijel
Strofa 3 Il-Verġni Marija tistaqsi biex tifhem il-misteru li hija Verġni
Strofa 4 Marija ssir Omm bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu
Strofa 5 Iż-żjara ta' Marija lil Eliżabetta
Strofa 6 Il-ħsieb ta' Ġużeppi quddiem il-misteru tal-Inkarnazzjoni
Strofa 7 Ir-ragħajja jilqgħu l-aħbar tal-anġlu u jaduraw lir-Ragħaj divin
Strofa 8 Kewkba twassal lill-Maġi ħdejn it-tarbija Ġesù
Strofa 9 Il-Maġi jagħrfu lill-Ħallieq u jfaħħru lil Marija
Strofa 10 Il-Maġi kollhom ferħ jerġgħu lejn darhom waqt li Erodi mhux kapaċi jifraħ
Strofa 11 Il-ħarba lejn l-Eġittu
Strofa 12 Xmun jerfa' fuq dirgħajh lil Sid il-ħolqien

*It-Tieni Taqsima: Parti Dommatika – it-twemmin tal-Knisja*

Strofa 13 Il-ħdan verġni ta' Marija li fih jitnissel Kristu
Strofa 14 L-Inkarnazzjoni tiftaħ it-triq lill-bniedem lejn is-Sema
Strofa 15 Il-Verġni Marija hija l-Omm ta' Alla
Strofa 16 L-anġli jistagħġbu quddiem il-misteru tal-Inkarnazzjoni
Strofa 17 It-twemmin fil-Verġinità ta' Marija
Strofa 18 Il-Verb isir bniedem biex jikseb lill-bniedem il-ħelsien

Strofa 19 Il-Verġni Immakulata mudell tal-Verġni
Strofa 20 Il-bniedem qatt ma jista' jfaħħar biżżejjed lil Alla għad-doni li rċieva
Strofa 21 Marija Omm il-Knisja li ddawwal kull bniedem
Strofa 22 Alla jsir għall-bniedem il-Feddej, dak li jaħfer id-dnubiet
Strofa 23 Il-qawwa tal-Verġni Marija tidher fil-Knisja li twassal ħelsien fir-ruħ
Strofa 24 Talba lill-Verġni Marija biex tħarisna minn kull tiġrib

**Il-valur ekumeniku**

L-*Akathistos* huwa l-uniku test f'forma liturġika ta' tifħir tal-bidu tal-Knisja, qabel ma seħħet il-qasma bejn il-Lvant u l-Punent fl-1054. Innu li bih il-Knisja tesprimi l-qima tagħha lejn il-Verġni Marija, l-Omm Qaddisa ta' Alla. Innu li juri l-fidi espressa fil-Konċilji ta' Nicea (325), Efesu (431) u Kalċedonja (451). Marija, dik li fiha seħħet l-għaqda bejn Alla u l-bniedem, ma tista' qatt tkun mezz ta' firda, anzi għadha u tibqa' dik li ġġib l-għaqda, hija għalina Omm l-Għaqda. Ħa jkun dan l-innu ta' tifħir lill-Omm Qaddisa ta' Alla innu li jkompli jgħin biex tikber l-għaqda bejn il-Knejjes tal-Lvant u l-Punent. Ejjew nitolbu flimkien b'dan l-innu biex hekk il-Knisja tkun "tista' tibda mill-ġdid tieħu nifs sħiħ miż-'żewġ pulmuni' tagħha" (*Redemptoris Mater*, 34).

Kif għall-Knisja tal-Lvant dan l-innu huwa kontemplazzjoni tal-misteri tas-salvazzjoni tagħna, l-istess ħaġa hija t-talba tar-Rużarju mqaddes għall-Insara tal-Punent, meditazzjoni tal-misteri tas-salvazzjoni tal-bniedem. Kristu huwa dejjem iċ-ċentru tal-fidi tagħna, iżda fl-istess waqt il-Verġni Marija għandha post ċentrali; għaliex il-missjoni tagħha hija l-istess missjoni tal-Knisja. Il-Knisja bħal Marija trid twasslilna lil Kristu u twassalna għand Kristu. Għalhekk ejjew nifirħu ma' Marija u flimkien bħala poplu qaddis ta' Alla nfaħħru u nirringrazzjaw lil Alla għaliex permezz tal-Knisja Omm hu għadu fostna:

*Ifraħ, sellum tas-Sema*
*li minnu niżel l-Etern Alla.*
*Ifraħ, pont li minn fuqu*
*l-bnedmin jgħaddu għall-Ġenna.*

Illum, fi tmiem din is-Sena Marjana, qed noffru dan l-Innu *Akathistos* lill-Insara tal-gżejjer tagħna għaliex nemmnu li l-Madonna Ta' Pinu minn din id-dar tagħha għadha u tibqa' ssejħilna niġu għandha għax hi trid tagħtina lil Binha Ġesù, is-Salvatur tagħna u tal-umanità. Fl-istess ħin dan is-Santwarju jfakkarna fis-Santwarju tas-Sema li lejh aħna lkoll miexja, u Marija tkompli tkun għalina "sinjal jiddi ta' tama żgura u ta' faraġ għall-poplu ta' Alla fil-mixja tiegħu lejn is-Sema" (*Lumen gentium*, 68). Ix-xewqa tagħna hija li dan l-innu jkun għalina "talba ħerqana lil Omm Alla u Omm il-bnedmin sabiex il-popli kollha jingħaqdu fl-hena, fil-paċi u fil-ftehim, f'poplu ta' Alla wieħed għall-glorja tat-Trinità Qaddisa Alla wieħed" (LG, 69).